MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 3214/1996/1

**R. von Brockdorff Insurance Agency Limited, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Commercial Union Assurance Company p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` CPS Company Limited u b'Nota tal-10 ta' Marzu, 1999, is-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited agenti f'Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta` estera Commercial Union Assurance Company p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited; u b'Nota tat-13 ta' Mejju, 2004, Atlas Insurance Limited assumiet l-atti**

**tal-kawza minflok il-kumpannija Atlas Insurance Agency Limited; u b'nota tal-31 ta' Jannar, 2007, Atlas Insurance PCC Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok Atlas Insurance Limited**

**v.**

**Falcotrans Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Parteno Group S.r.l. u b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2003, ghan-nota tat-22 ta' Jannar, 2003, is-socjeta` Eurocargo Freight Services Limited giet nominata Kuratrici ghas-socjeta` estera Parteno Group S.r.l.**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Novembru, 1996, mis-socjeta` attrici li taqra hekk:
"Peress illi s-socjeta` CPS Company Limited importat mill-Olanda u mill-Italja kwantita` ta' frott u hxejjex (Dok. A u B) li gew trasportati lejn Malta permezz ta' frigo trailer appartenenti lis-socjeta` estera Parteno Group Srl;

"Peress illi wara l-wasla tieghu f'Malta fl-1 ta' Awwissu 1995 il-frigo trailer bil-kontenut ta' go fih ittiehed f'mahzen li s-socjeta` importatrici ghandha f'Haz-Zebbug fejn beda l-hatt tal-merkanzija fil-presenza ta' ufficjali tad-Dwana – waqt dan ix-xoghol sar uzu minn palletiser;

"Peress illi minhabba problemi fil-provvista tal-elettriku ghall-cold stores, is-socjeta` konvenuta, wara rikjesta tal-importatur, halliet il-frigo trailer ghd-disposizzjoni tal-importatur biex ikollu aktar hin ghall-hatt tal-prodott importat;

"Peress illi waqt li l-frigo trailer kien ghadu fil-mahzen l-istess frigo trailer ha n-nar bil-konsegwenza li l-parti l-kbira mill-merkanzija importata li kienet ghadha ma gietx skarikata inqerdet ghal kollox, il-palletiser li kien qed jintuza fix-xoghol tal-hatt u li meta qabad in-nar kien fit-trailer safa' danneggjat irreparabbilment filwaqt li l-istess mahzen garrab il-hsara;

“Peress illi l-importatur kellu kopertura assikurattiva permezz ta’ polza ta’ assikurazzjoni tat “*fire and special perils*” mas-socjeta` attrici li min-naha taghha ghall-hsarat u danni li garrab l-importatur hallset, kif obbligata, is-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf wiehed u sittin lira disghin centezmu (Lm23061.90c) u giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. C);

“Peress illi l-frigo trailer mahruq gie spezzjonat bir-reqqa mill-Inginier Paul Cardona fil-presenza ta’ rappresentanti tal-partijiet kollha interessati u rrilaxxja rapport datat 10 ta’ Dicembru 1995 (Dok. D);

“Peress illi s-socjeta` estera Parteno Group Srl hija responsabbli ghall-hsara u konsegwenzjali danni;

“Peress illi s-socjeta` konvenuta noe, interpellata ufficjalment biex thallas id-danni attrici, cahdet kull responsabbilita`;

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta noe ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex minn din il-Qorti:

“1. tigi dikjarata responsabbli ghall-hsara fuq riferita u danni konsegwenzjali; u

“2. tigi kundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf wiehed u sittin lira disghin centezmu (Lm23061.90c) in linea ta’ danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta` attrici, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ April 1996, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ din l-imsemmija ittra ufficjali, kontra s-socjeta` konvenuta noe li hija ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“(1) Fl-ewwel lok is-socjeta` eccipjenti qatt ma kienet agenti lokali tas-socjeta estera Parte-no Group Srl izda semplicement bhala konsenjatarji tal-kariku liema

kariku kien effettivament destinat lis-C P S Company Limited, li maghha s-socjeta` eccipjenti agixxiet bhala ‘commission agent’. Is-Socjeta` eccipjenti ma ghandha l-ebda fondi ta’ Parteno.

“(2) Bla pregudizzju ghall-premess it-talba attrici hija wkoll insostenibbli in kwantu l-merce kienet kollha skarikata minn fuq it-trailer tant li s-Socjeta` C P S Limited kienet iffirmat id-dokument relatattiv tac-C M R indikanti l-fatt tal-iskarikar.

“(3) F’kull kaz is-Socjeta` eccipjenti ma hijiex responsabbli la ghas-sinistru u lanqas ghad-danni reklamati u dan kemm fattwalment kif ukoll legalment.”

Rat li b’digriet moghti fil-25 ta’ Awwissu, 1997, l-ewwel Qorti cahdet talba tal-kumpanija konvenuta biex tithalla tressaq eccezzjoni ulterjuri;

Rat is-sentenza preliminari li l-ewwel Qorti, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, tat fit-2 ta’ Ottubru, 2002, li biha, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-kumpanija Falcotrans Ltd. u ordnat li tinhareg mill-kawza billi din ma tirraprezentax lis-socjeta` Parteno Group S.r.l.; il-kawza giet differita sabiex jigu legittimati l-atti;

Rat in-nota tat-22 ta’ Jannar, 2003, li biha l-kumpanija Eurocargo Freight Services Ltd. laqghet il-bandu ghall-hatra ta’ kuraturi deputati biex tidher ghall-kumpanija konvenuta Parteno Group S.r.l.;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija Eorocargo Freight Services Ltd. nomine li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Preliminarjament, illi l-provi sa issa akkwiziti ghandhom jigu lkoll sfilzati mill-atti tal-kawza peress illi s-socjeta` eccipjenti giet innotifikata fis-26 ta’ Frar 2003 u ma kellhiex l-opportunita` tressaq il-provi taghha u taghmel kontro-ezami tal-provi tal-parti l-ohra.

“2. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. XVI.

“3. Illi, preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-succepit, is-socjeta` eccipjenti mhijiex responsabbli ghall-hsarat mertu ta’ din il-kawza.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza preliminari li tat l-imsemmija l-ewwel Qorti fis-16 ta’ Ottubru, 2003 li biha, ghar-ragunijiet hemm imfissra, cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-kumpanija Eurocargo Fright Services Ltd. nomine;

Rat id-digriet moghti mill-istess l-ewwel Qorti fis-26 ta’ Jannar, 2009, li bih cahdet talba tal-kumpanija konvenuta biex tithalla tressaq eccezzjoni ulterjuri (il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili);

Rat is-sentenza fil-meritu li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Gunju, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi
“**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija Eurocargo Freight Services Limited bħala kuratriċi tal-kumpannija mħarrka Parteno Group S.r.L. bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

“**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-kumpannija Parteno Group S.r.L. kienet taħti għall-ħruq li seħħ fil-*frigo trailer* tagħha NA 42041 li seħħ f’Ħaż-Żebbuġ fil-lejla bejn l-1 u t-2 ta’ Awissu, 1995, u għall-ħsara li ġarrbet il-merkanzija u l-post li fih kien jinsab l-istess *trailer*;

“**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lil Parteno Group S.r.L. tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ tlieta u ħamsin elf seba’ mija u dsatax-il euro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€53,719.78) rappreżentanti l-kumpens imħallas mill-istess kumpannija attriċi lill-assikurata tagħha bis-saħħa tal-polza ta’ assikurazzjoni fis-seħħ biex tagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba minħabba l-imsemmi inċident, flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b’seħħ mill-10 ta’ April, 1996, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

"**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk tad-deċiżjoni *in parte* tas-16 ta' Ottubru, 2003, imma mhux ukoll dawk marbutin mas-sentenza *in parte* tat-2 ta' Ottubru, 2002, li għandhom jinġarru kif hemm imsemmi**.**"

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet
"Illi din hija azzjoni ta' ħlas ta' danni lil kumpannija assikuratriċi wara li għamlet tajjeb lill-assikurat tagħha għal ħsara mġarrba f'merkanzija li nħarqet ġo *reefer trailer* li nħakem minn nirien sakemm inħatt. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "Atlas") qiegħda tfittex li titħallas lura kumpens ta' LM 23,061.90 li hija ħallset lill-assikurata tagħha (minn issa 'l quddiem imsejħa "CPS") minħabba dak it-telf. Hija tqis lill-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "Parteno") responsabbli għal dak il-ħlas għaliex tgħid li kienet hi li taħti għall-inċident. Billi, għall-bidu, fetħet il-kawża kontra l-kumpannija Falcotrans Limited bħala "aġenti" ta' Parteno, u billi b'sentenza mogħtija f'Ottubru tal-2002, dik il-kumpannija nħarġet mill-kawża, il-kumpannija Eurocargo Freight Services Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa "EFS") aċċettat li tkun kuratriċi ta' Parteno;

"Illi EFS laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li ladarba hija laqgħet in-notifika tal-atti biss fi Frar tal-2003, kull prova mressqa fil-kawża qabel dak inhar kellha titneħħa mill-atti tal-kawża u l-provi jinġabru mill-ġdid. Laqgħet ukoll billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. U, fl-aħħarnett, laqgħet billi qalet li Parteno ma taħti bl-ebda mod għal dak li seħħ;

"Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fl-1 ta' Awwissu, 1995, wasal f'Malta mill-port ta' Reggio f'Kalabrija abbord il-bastiment *M.v. Żebbuġ*[1], *frigo trailer* bin-numru NA 42041 ta' Parteno. Dan it-*trailer* kien mimli b'kunsinna ta' frott u ħxejjex importat f'Malta minn CPS[2]. Il-vjaġġ kien beda fl-Olanda u fl-Italja kienet żdiedet

[1] Dok "G", f'paġ. 106 tal-proċess
[2] Dok "PS", f'paġġ. 66 – 7 tal-proċess

titgħabba konsinna oħra ta’ frott. Dak iż-żmien, CPS kienet assikurata ma’ Atlas taħt polza “*fire and specified perils*”[3] dwar il-merkanzija maħżuna fl-imkejjen[4] ta’ CPS u kif ukoll dwar l-imkejjen infushom u t-tagħmir ta’ ġo fihom, magħduda l-*cold rooms*;

“Illi mal-wasla f’Malta u r-rilaxx tiegħu mid-Dwana, t-*trailer* ittieħed f’maħżen ta’ CPS fi Triq il-Kataniż, Ħaż-Żebbuġ u beda jinħatt fil-preżenza ta’ uffiċjali tad-Dwana. Il-ħatt sar permezz ta’ *palletiser*. Waqt li kien qed isir il-ħatt, inqata’ d-dawl fil-maħżen[5]. Waqt li kienet qiegħda tinħatt il-merkanzija, nstab li biċċa minnha kienet marret minħabba li ma nżammitx fit-temperatura t-tajba[6]. Biex ma titwaqqax it-temperatura tal-*cold rooms* tal-maħżen, ittieħdet id-deċiżjoni li l-merkanzija li nħattet mill-*frigo trailer* terġa’ titqiegħed lura fih u tinżamm hemm sakemm terġa’ tiġi l-provvista tal-elettriku. It-*trailer* tħalla mixgħul fuq is-saħħa tal-batterija tiegħu. Il-*palletiser* tħalla fit-*trailer* ukoll u l-maħżen ingħalaq bla ma baqa’ ħadd fih;

“Illi tard filgħaxija dak inhar stess, it-*trailer* inħakem minn nirien u kemm il-merkanzija ta’ ġo fih u kif ukoll il-*palletiser* inqerdu. Il-*frigo trailer* innifsu ġarrab ħsarat minn ġewwa u wkoll minn barra[7]. Il-*frigo trailer* inbena fl-1994 u t-tkessiħ fih kien jista’ jsir jew bit-tħaddim ta’ mutur *diesel* jew permezz ta’ mutur jaħdem bl-elettriku li jitqabbad mal-provvista tal-elettriku tal-post fejn ikun jinsab;

“Illi CPS bagħtet tgħarraf lill-Atlas l-għada filgħodu, u din qabbdet *surveyor* biex ifittex x’kien wassal biex it-*trailer* ħa n-nar. Dan sar jumejn wara l-inċident. F’rapport li dan ħareġ f’Diċembru ta’ dik is-sena[8], huwa wasal għall-fehma li n-nar kien ħa minħabba li t-*terminals* tal-batterija li tħaddem il-mutur *diesel* kienu tħallew mikxufa u nbarmu, bdew iħokku ma’ xi wiċċ tal-metall u kebbsu xrar li nfirex mat-*trailer* kollu[9]. Hu deherlu li l-kawża waħdanija tan-nirien kienet in-nuqqas ta’ manutenzjoni xierqa tal-

[3] Dok “ZM”, f’paġġ. 213 – 220 tal-proċess
[4] Xhieda ta’ George Said 21.4.1998, f’paġ. 32 tal-proċess
[5] Xhieda ta’ Paul Micallef 9.10.1998, f’paġ. 69 tal-proċess
[6] Dok “MC”, f’paġ. 81 tal-proċess
[7] Dokti “GS1” sa “GS7”, f’paġġ. 35 – 7 tal-proċess
[8] Dok “PC”, f’paġġ. 46 – 8 tal-proċess
[9] Xhieda ta’ Inġ. Paul Cardona 18.9.1998, f’paġġ. 59 u 62 tal-proċess

batterija. Il-qawwa tan-nirien dewbet saħansitra l-batterija nnifisha[10];

"Illi sadattant, dak inhar tal-ħatt tal-merkanzija wkoll, kumpannija asikuratriċi ta' Parteno kienet qabbdet *surveyor* f'Malta biex jistħarreġ dwar il-parti tal-merkanzija li nstabet mhix f'kundizzjoni tajba[11]. Dan is-*survey* sar fit-2 ta' Awissu, 1995. Malli seħħ il-ħruq, sar *survey* ieħor fit-3 ta' Awissu, 1995[12];

"Illi CPS ressqet talba għall-kumpens ma' Atlas għall-merkanzija li ntilfet fil-ħruq (magħduda merkanzija oħra li kienet diġa' tinsab fil-maħżen qabel iddaħħal it-*trailer*) u wkoll għall-*palletiser*. F'Diċembru tal-1995[13], Atlas ħallset lil CPS is-somma ta' Lm 23,061.90 u ġiet surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha;

"Illi fl-10 ta' April, 1996[14], Atlas bagħtet ittra uffiċjali lil Falcotrans biex titlobha tħallasha u tagħmel tajjeb għall-kumpens li hija kienet ħallset lil CPS. Falcotrans wieġbet b'ittra uffiċjali tas-17 ta' April, 1996[15], biex, "bħala aġenti tas-soċjeta' estera Partelo Group srl" tirribatti l-pretensjonijiet ta' Atlas. Fit-12 ta' Novembru, 1996, infetħet din il-kawża;

"Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jirrigwardaw il-każ jingħażlu fuq żewġ direzzjonijiet. Sa ċertu punt, iż-żewġ direzzjonijiet huma kondizzjonati miż-żewġ eċċezzjonijiet ta' Parteno. L-ewwel waħda hija l-kwestjoni dwar jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx billi laħaq għadda ż-żmien li fih kellha ssir, filwaqt li t-tieni waħda (fil-mertu) hija l-kwestjoni ta' min jista' jitqies responsabbli għal dak li ġara. Ta' min jgħid li, dwar kemm kien il-kumpens imħallas minn Atlas lil CPS ma hemm l-ebda kwestjoni bejn il-partijiet, u dan għaliex hemm dikjarazzjoni espressa mill-istess partijiet fl-atti tal-kawża li tgħid li l-ammont imħallas lil CPS m'huwiex kontestat;

---

10 *Ibid.*, f'paġ. 56 tal-proċess
11 Dok "MC3", f'paġġ. 242 – 6 tal-proċess
12 Dok "MC1", f'paġġ. 87 – 8 tal-proċess
13 Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
14 Dokti "JF" u "ZM1", f'paġġ. 97 u 222 tal-proċess
15 Dok "JZM", f'paġ. 96 tal-proċess

"Illi **dwar il-kwestjoni jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx billi laħaq għalaq iż-żmien li fih kellha ssir**, Parteno tistrieħ fuq il-preskrizzjoni tas-sentejn li jsemmi l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Parteno targumenta li hija kienet notifikata bl-atti tal-kawża l-ewwel darba biss fl-2003, jiġifieri madwar seba' snin u nofs wara li seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Hija tgħid li, qabel dak inhar (jiġifieri fl-2003), ma kinitx parti fil-kawża għaliex minflokha kienet tħarrket kumpannija oħra – il-kumpannija Falcotrans Limited – li ma kinitx tirrappreżentaha. Hija żżid tgħid li, minħabba li Atlas għoġobha tagħżel li tiftaħ din il-kawża kontra Falcotrans (bħala "aġenti" ta' Parteno) minflok ma ħarrket lil Parteno direttament, l-atti tal-kawża ma jiswewx kontra l-Parteno, għallanqas sakemm saret in-notifika formali tagħha fl-2003. Tagħmel l-istess argument dwar l-ittra uffiċjali mressqa minn Atlas f'April tal-1996;

"Illi min-naħa tagħha, Atlas tillimita ruħha biex tirribatti dawn l-argumenti billi tgħid li l-azzjoni tagħha kienet, sa mill-bidunett, diretta lejn Parteno *tramite* Falcotrans li kienet fissret lilha nnifisha (ukoll f'atti ġudizzjarji) bħala l-aġent ta' Parteno f'Malta fiż-żmien tal-inċident. Dan jgħodd sa minn żmien meta bagħtet ittra uffiċjali u Falcotrans kienet wieġbet f'isem Parteno bla ma ċaħdet li ma kellha x'taqsam ma' dik il-kumpannija barranija. Atlas issemmi wkoll l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili;

"Illi din il-Qorti, wara li fliet sewwa l-atti kollha tal-kawża, ma jidhrilhiex li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tintlaqa'. Minn kif svolġew l-affarijiet, jidher li l-imħarrka waħdanija f'din il-kawża hija l-Parteno. Li kieku ma kienx hekk, meta ngħatat is-sentenza preliminari li ħelset lil Falcotrans milli tibqa' aktar fil-kawża għaliex ma kinitx tassew "aġenti" ta' Parteno, kieku l-kawża kienet tieqaf hemm. Meta parti tinħeles minn kawża (aktar u aktar jekk tkun il-parti waħdanija mħarrka) il-kawża tieqaf u ma jiddaħħal ħadd ieħor biex jimla n-nuqqas li jinħoloq bil-liberatorja. Għall-kuntrarju, din il-kawża ma waqfitx, tant li hekk kif ingħatat l-imsemmija sentenza f'Ottubru tal-2002, Atlas minnufih nediet il-proċedura biex jinħatru kuraturi deputati biex

jidhru għal Parteno fil-kawża. Dan ifisser li l-imħarrka tassew u sa mill-bidunett kienet Parteno;

"Illi f'dan il-każ, għalhekk, il-Qorti jidhrilha li jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2129 u 2131 tal-Kodiċi Ċivili marbutin flimkien. L-ittra uffiċjali li Atlas ressqet f'April tal-1996 taqdi l-ħtiġijiet tal-artikolu 2129, minkejja li Falcotrans ma kinitx tassew aġent f'Malta ta' Falcotrans. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak in-nuqqas ta' forma (mgħejjun mhux ftit mit-tweġiba "qarrieqa" ta' Falcotrans b'ittra uffiċjali responsiva ġimgħa wara, li fiha ma ċaħdet bl-ebda mod li hija kienet tassew "aġent" ta' Parteno) ma jtellef xejn mit-twaqqif taż-żmien preskrittiv. Min-naħa l-oħra, l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq f'Novembru tal-1996 jaqdi l-ħtiġijiet tal-artikolu 2131 tal-Kodiċi Ċivili u billi bejn l-inċident (Awissu tal-1995) u l-ittra uffiċjali (April tal-1996) u l-ftuħ tal-kawża (Novembru tal-1996) ma laħaq qatt qabeż iż-żmien ta' sentejn maħsub fl-artikolu 2153 invokat minn EFS, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tirriżultax mistħoqqa;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni eċċezzjoni ta' EFS m'hijiex sejra tintlaqa';

"Illi **dwar il-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għall-ħsara li seħħet minħabba l-ħruq tat-*trailer***, iqum l-argument li dak il-ħin li ħa n-nar ma jmissux kien mgħobbi bl-ebda merkanzija. Hawnhekk, il-Parteno tqanqal il-kwestjoni li r-responsabbilta' tagħha ntemmet hekk kif il-merkanzija nħattet, u minn dak il-ħin 'il quddiem hija ma tat lil ħadd il-permess li jerġa' jgħabbi t-*trailer* u jixgħellu l-mutur tat-tkessih. Din hija d-difiża ewlenija ta' Parteno f'dan ir-rigward għaliex tqis li minn x'ħin inħattet il-merkanzija t-*trailer* imissu ntraddilha lura;

"Illi ma hemmx dubju li l-provi mressqa juru li, minħabba l-qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-maħżen ta' CPS, kienet l-istess CPS li talbet biex il-merkanzija maħtuta terġa' titqiegħed fit-*trailer*[16]. Jidher li dan sar wara li ntalab – u nkiseb – il-permess mingħand Falcotrans[17]. Dak iż-

[16] Xhieda ta' Paul Micallef 31.1.2007 f'paġ. 299B tal-proċess
[17] Xhieda ta' John Falzon 9.2.2006, f'paġ. 267 tal-proċess

żmien, Falcotrans kienet l-interlokutriċi ta' Parteno f'Malta dwar dak it-*trailer*[18]. Tabilfors kellu jkun hekk, għaliex Parteno kienet qiegħda tistenna li Falcotrans tieħu ħsieb li treġġa' t-*trailer* lura fuq l-ewwel bastiment disponibbli biex jittieħed lura l-Italja għand sidu (Parteno). Il-Qorti tagħraf li bis-saħħa tas-sentenza mogħtija f'Ottubru tal-2002, l-imsemmija Falcotrans inħarġet mill-kawża u għalhekk din is-sentenza ma tista' bl-ebda mod tolqot aktar lil dik il-kumpannija dwar il-pretensjonijiet attriċi, ukoll għaliex Falcotrans ma kinitx imħarrka f'isimha proprju;

"Illi Parteno tgħid li t-*trailer* ma kellu jintuża għall-ebda ħaġ'oħra għajr għall-ġarr tal-merkanzija. Żgur ma kellux jintuża bħala post fejn il-merkanzija tinżamm jew tinħażen. Hija tgħid li l-użu li sar bid-deċiżjoni ta' CPS li terġa' tgħabbih u tħaddem il-mutur tat-tkessih sakemm terġa' tiġi l-provvista tal-elettriku fil-maħżen tagħha kien użu ħażin. Minbarra li kien użu ħażin, kien ukoll użu li ma sarx bir-rieda tagħha. Il-Qorti tqis li huwa minnu li bis-saħħa tal-kuntratt tal-ġarr tal-merkanzija, Parteno kienet tibqa' marbuta lejn CPS biss sal-ħin li l-merkanzija tinħatt u tiġi fil-kontroll tal-istess CPS. Imma l-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni tal-lum m'hijiex mibnija fuq ir-responsabbilta' kuntrattwali maħluqa mill-kuntratt tal-ġarr innifsu, iżda minn inċident li l-bażi tiegħu huwa allegat li tinsab fin-nuqqas ta' twettiq kif imiss tar-responsabbilta' li tara li dak il-ħruq ma messux seħħ. Fi kliem ieħor, il-bażi tal-azzjoni ta' risarċiment ta' Atlas hija waħda msejsa fuq id-delitt jew il-kważi delitt;

"Illi ma hemm l-ebda dubju li Parteno hija s-sid tar-*reefer trailer* li nħakem min-nirien. Intwera li n-nirien bdew fit-*trailer* innifsu[19], u li l-għajn tal-kawża li nisslet dak il-ħruq kienet ix-xrar li nħalqu mit-*terminals* tal-batterija li tixgħel il-mutur tat-tkessiħ tat-*trailer*. Dik il-kawża ma setgħetx inħalqet f'ħakka t'għajn iżda kienet tixhed li kienet ilha ġejja xi żmien għaliex l-*insulation* tal-istess *terminals* ma tittikilx f'daqqa waħda. Kieku saret spezzjoni għaqlija u manutenzjoni xierqa tat-tagħmir kollu tat-*trailer*, kien jirriżulta li l-*insulation* tat-terminali tal-batterija kienu ttieklu

[18] Xhieda ta' Mario Loffredo 14.6.2005, f'paġ. 237 tal-proċess
[19] Xhieda tal-Inġ. Paul Cardona 17.7.1998 u 9.2.2006, f'paġġ. 44 – 5 u 274 – 6 tal-proċess

u li dan il-fatt kien x'xktarx iwassal biex jitkebbsu n-nirien bit-tħaddim tagħha;

"Illi l-kwestjoni li din il-Qorti trid, madankollu, tistħarreġ f'dan il-waqt hija dik dwar x'rabta hemm bejn l-inċident u Parteno. Huwa magħruf li, fi kwestjonijiet ta' responsabbilta' mnissla minn għamil jew nuqqas ta' għamil mistenni, kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[20]. Minħabba din ir-regola ewlenija fil-qasam tad-dritt, joħroġ li kull ħsara li sseħħ minħabba l-għamil jew in-nuqqas ta' ħaddieħor hija ħsara li jistħoqqilha tingħata kumpens. L-għajn ewlenija tar-responsabbilta' ċivili f'dan ir-rigward tinstab f'dik l-imġiba li tissarraf f'*dolus* jew f'*culpa* li tikkonsisti f'dak in-nuqqas ta' għaqal, nuqqas ta'diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias*[21]. Din il-ħtija titnissel ukoll jekk kemm-il darba xiħadd jonqos li jwettaq xi ħaġa li biha jikser dmir impost mil-liġi[22]. Ħtija mnissla f'ċirkostanza bħal din twassal lil min ikun biex jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk;

"Illi biex isseħħ ħtija b'nuqqas jew b'omissjoni, jeħtieġ iżda li jintwera li kien hemm ksur ta' xi dmir li għat-twettiq tiegħu xiħadd kien marbut li jagħmel xi ħaġa li baqa' m'għamilx[23]. Dan irid jintwera minn min ikun ġarrab id-dannu minħabba nuqqas bħal dak. Irid jintwera wkoll li l-persuna li naqset milli twettaq xi ħaġa kienet legalment marbuta li ma ġġibx ħsara lil ħaddieħor jew lill-jeddijiet tiegħu, u mhux biżżejjed li jintwera li dik il-persuna tkun naqset li tgħin jew li tagħti servizz lill-persuna mġarrba b'dak in-nuqqas[24];

"Illi Parteno twarrab il-fehmiet li wasal għalihom l-espert *ex parte* Inġinier Paul Cardona dwar x'kienet il-kawża li wasslet biex it-*trailer* ħa n-nar. Hija tqis li dak kien xhud tal-parti u li l-konklużjonijiet tiegħu kienu inċerti[25]. Hija żżid tgħid ukoll li ħadd ma messu reġa' nqeda bit-*trailer*

---

[20] Art. 1031 tal-Kap 16
[21] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[22] Art. 1033 tal-Kap 16
[23] Giorgi *Delle Obbligazioni*, Vol. IV § 151
[24] App. Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bondin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.581**)
[25] § § 29 – 31 u 42 – 4 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 331 – 4 tal-proċess

ladarba l-merkanzija kienet inħattet minnu. Fuq kollox, kull ftehim li seta' sar bejn CPS u Falcotrans kien *res inter alios acta* li ma jorbothiex u, għalhekk, lanqas jista' jsibha ħatja ta' xi ħsara li setgħet saret bl-użu tat-*trailer.* Fuq kollox, tgħid li fil-ħin tal-inċident il-*frigo trailer* kien taħt il-kontroll waħdieni ta' CPS, li għalhekk imissha twieġeb hi għall-ħsara li ġratilha;

"Illi Atlas tqis li l-użu tat-*trailer* mill-assikurata tagħha CPS seħħ bi qbil ma' Falcotrans u wara talba li saret f'dan ir-rigward. Ingħata l-kunsens minn Falcotrans li jsir l-użu mitlub u kienet Falcotrans li dehrilha li ma kellhiex għalfejn tibgħat tgħarraf lil Parteno bid-deċiżjoni meħuda[26]. CPS ma kellha l-ebda ħtija li tkellmet ma' Falcotrans dwar l-użu u t-tħaddim tat-*trailer* għaliex Falcotrans kienet qiegħda tidher fiżikament f'Malta għas-sidien barranin tal-istess *trailer*. Min-naħa tagħha, Parteno tagħraf li, fiż-żmien li seħħ l-inċident, ir-relazzjoni tagħha kienet ma' Falcotrans[27];

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li Parteno trid tagħmel tajjeb għall-ħsarat li seħħew bil-ħruq tat-*trailer* tagħha. Tqis li kien hemm obbligu mpost mil-liġi fuq Parteno li tara li dak it-tagħmir (tagħha) li hija tikri lil ħaddieħor għall-ġarr fih tal-merkanzija jkun f'kull waqt fi stat tali li l-użu xieraq tiegħu ma jesponix lil ħaddieħor għal ħsara jew periklu. It-tħaddim tal-mutur li jkessaħ ma kienx użu mhux mistenni minn *reefer trailer*. Il-fatt li dak il-mutur tqabbad u nxtegħel wara li l-merkanzija kienet twasslet fid-destinazzjoni tagħha kien biss fattur aċċidentali, għaliex mill-kundizzjoni li kienu jinsabu fiha t-terminali tal-batterija ta' dak il-mutur, il-ħruq seta' faċilment seħħ ftit tas-sigħat qabel, hi u għadha tinġarr il-merkanzija. Fiż-żewġ ċirkostanzi l-istat ta' manutenzjoni tat-*trailer* kien wieħed imwiegħer u fiż-żewġ ċirkostanzi Parteno waħedha kienet marbuta li tara li l-kundizzjoni tat-*trailer* kienet waħda tajba;

"Illi l-kritika magħmula minn Parteno għas-sejbiet tal-Inġinier Cardona ma tidhirx li b'daqshekk twaqqa' s-siwi

[26] Xhieda ta' John Falzon 9.2.2006, f'paġ. 267 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Mario Loffredo 14.6.2005, f'paġ. 232 tal-proċess

tal-fehmiet li wasal għalihom. Għamlitlu kontro-eżami serrat, iżda l-fehmiet tiegħu reġġgu ġew imfissra b'mod konsistenti u teknikament plawsibbli. Il-fatt li Cardona tressaq bħala xhud espert *ex parte* ma jnaqqas xejn mill-kompetenza teknika tiegħu u lanqas mill-produċibilita' tiegħu bħala xhud[28];

"Illi fuq kollox, l-imġiba ta' Falcotrans (li tat il-permess li t-*trailer* jibqa' f'idejn CPS u jitħaddem u jerġa' jitgħabba bil-merkanzija li kienet inħattet minnu) żammet sħiħa l-ħolqa ta' kawżalita' bejn ir-responsabbilta' ta' Parteno li tieħu ħsieb iż-żamma fi stat tajjeb ta' ħwejjiġha u l-kawża tal-inċident innifsu. Dan jgħodd ukoll minkejja li Parteno jista' jkollha raġun tgħid li, fuq il-livell kuntrattwali, Falcotrans marret lil hinn minn dak li setgħet kienet marbuta li toffri taħt il-kuntratt tal-ġarr. Imma, kif diġa' ngħad, il-bażi ta' din l-azzjoni m'hijiex l-inadempiment kuntrattwali imma l-ħtija akwiljana;

"Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li Parteno trid tagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarrbet CPS bit-telf tal-merkanzija u l-ħsara fil-maħżen tagħha, u b'hekk li tagħti kumpens lil Atlas għar-risarċiment li din tat lil CPS taħt il-polza ta' assikurazzjoni;

"Illi, kif ingħad qabel, ma hemm l-ebda kwestjoni bejn il-partijiet **dwar l-ammont ta' kumpens** li Atlas ħallset lill-assikurata tagħha CPS. Jirriżulta b'mod ċar li dak il-kumpens tassew tħallas u li Atlas iddaħħlet b'surroga fil-jeddijiet li kellha CPS minħabba l-inċident;"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fl-intier taghha u minflok tilqa t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet imressqa mill-esponenti, bl-ispejjez kontra l-appellata u, fin-nuqqas, illi tawtorizza lill-esponenti illi tressaq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ulterjuri ai termini tas-subartikolu 2156(f) tal-Kap XVI,u, fin-nuqqas ta' dana wkoll, illi tvarja u tbiddel id-decizjoni tal-ewwel sentenza

---

[28] Art. 563A tal-Kap 12

rigwardanti l-imghax fis-sens illi dan ghandu jiddekorri minn jum in-notifika tac-citazzjoni fis-26 ta' Frar, 2003 u mhux qabel, dejjem bl-ispejjez kollha kontra l-appellata, u illi taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrulha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi l-ezercizzju maghmul mill-ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha kienet wahda korretta u gusta. Ghaldaqstant, jikkonsegwi illi d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Gunju, 2009 fl-ismijiet premessi u illi minnha gie ntavolat l-odjern appell, timmerita li tigi konfermata *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

Illi b'sentenza preliminari li tat din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2012, is-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens li l-azzjoni tal-appellata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga` migjuba, l-azzjoni attrici hija preskritta ai terminu tas-subartikolu 2156(1) tal-Kap. XVI;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` CPS Company Ltd f'Lulju 1995 kienet ser timporta lejn Malta kwantita` ta' hxejjex u frott mill-Olanda u mill-Italja (Modena). Biex taghmel hekk din kellha bzonn tirranga ghat-trasport tal-istess merca gewwa Frigo Trailer sabiex l-merca tibqa' friska tul it-tragitt. Kien ghalhekk li, bhas-soltu, is-socjeta` CPS avvicinat lis-socjeta` Falcotrans biex taghmlilha l-arrangamenti biex tingieb il-merkanzija Malta. Is-socjeta` konvenuta ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u sabet li l-htiega tas-socjeta` CPS Company Ltd setghet tigi

sodisfatta mis-socjeta` ta’ trasporti taljana bl-isem Parteno Group li kkwotat il-prezz ta’ US$4,100 biex twassal il-merkanzija mill-Olanda sa Malta gewwa Frigo Trailer. Dan il-prezz gie accettat u sussegwentement imhallas in toto lis-socjeta` Parteno Group. Gara, pero`, li waqt li kien qed isir il-hatt tal-merkanzija hawn Malta, instab li bicca minnha kienet marret minhabba li ma nzammitx fit-temperatura t-tajba. Ittiehdet decizjoni li l-merkanzija li nhattet mill-Frigo Trailer terga’ titqieghed lura fih, u dan sabiex ma titwaqqax it-temperatura tal-mahzen, peress li kien inqata’ d-dawl. It-trailer thalla mixghul fuq is-sahha tal-batterija tieghu. Il-palletiser thalla fit-trailer ukoll u l-mahzen inghalaq. Tard filghaxija dak inhar stess, it-trailer inhakem minn nirien u kemm il-merkanzija ta’ go fih u kif ukoll il-palletiser inqerdu. CPS Co. Ltd. ressqet talba ghall-kumpens mas-socjeta` assikuratrici taghha, u din is-socjeta` hallset lis-socjeta` CPS Co. Ltd. is-somma ta’ Lm23,061.90 u giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha. Is-socjeta` assikuratrici issa qed titlob li tigi reimbursata din is-somma minn min hi tqis responsabbli ghall-incident.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni tas-sentejn li jsemmi l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u, fil-meritu, eccepiet illi hi mhix responsabbli ghall-hsara li sehhet minhabba l-hruq tat-trailer.

L-ewwel Qorti cahdet dawn iz-zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u sabet favur it-tezi attrici. Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza: baqghet tinsisti fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, issollevat ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-istess Kodici Civili, u, fil-meritu, tissottometti n-nuqqas ta’ responsabbilita` peress li dak li gara sehh ghax it-trailer inzamm ghal zmien itwal milli kien pattwit u intuza ghal skop li wkoll ma kienx pattwit minghajr il-permess taghha.

Trattati l-aggravji marbuta mal-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni, din il-Qorti tara li ma humiex fondati, u dan peress li jirrizulta li l-kawza saret entro t-termini ta’ preskrizzjoni kontemplati fl-artikoli invokati. Fil-fatt,

jirrizulta li l-incident sehh f'Awwissu tal-1995, u din il-kawza infethet f'Novembru tal-1996, jigifieri kienu ghaddew biss sena u tlett xhur bejn l-incident u l-ftuh ta' din il-kawza. Hu veru li s-socjeta` konvenuta Parteno Group S.r.l. giet notifikata fl-2003, xi tmin snin wara l-ftuh tal-kawza, pero`, ghall-fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hija l-prezentata tal-kawza li hu importanti, mhux in-notifika tal-istess lill-konvenut.

Diga` fil-kawza **Bonello v. Bonello**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April, 1983, intqal a propozitu illi:
"*Citazzjoni presentata fi zmien utili hija bizzejjed biex tinterrompi l-preskrizzjoni, nonostante l-fatt li l-konvenut gie notifikat wara l-gheluq tat-terminu. Ic-citazzjoni imbaghad titlef l-effetti taghha jekk tigi ceduta jew taqa' dezerta.*"

Fl-istess sens huma s-sentenzi **Jagrove Services Ltd. v. Attard** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Mejju, 2004, **Woods noe v. Jones et noe**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 1995, u **Gabriel et v. Farrugia et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru, 2009, fost ohrajn.

Din il-Qorti fil-kawza **Caruana v. Mifsud**, deciza fl-24 ta' Settembru, 2004, osservat illi:
"*Il-preskrizzjoni in kwistjoni giet interrotta appena saret it-talba gudizzjali tal-attur nomine bil-prezentata tac-citazzjoni odjerna. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor skont l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur.*"
Interessanti hu dak li qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Anastasi v. Gaming Operations Ltd. et**, deciza fit-28 ta' Jannar, 2008, fis-sens illi:
"*Il-korrezzjoni ma kkrejatx inezistenza guridika tal-att introduttiv tal-gudizzju jew is-sostituzzjoni tieghu bi procedura ex novo, imma serviet biex telimina l-indikazzjoni errata tal-parti fil-kontradittorju konsegwentement ghal fini tac-certezza tas-suggett azzjonat. B'hekk, logikament, il-procedura inizzjata ma*

*nbidletx f'wahda gdida u jkollu jinghad b'konsegwenza illi l-appellata ma naqsetx dwarha milli tirrispetta t-terminu ffissat mil-ligi. Ghamel sewwa ghalhekk it-Tribunal li cahdad l-eccezzjoni opposta mis-socjedta` appellanti.*"

F'dan il-kaz, il-kawza saret mill-ewwel kontra s-socjeta` Parteno S.r.l., u din kienet il-konvenuta wahdanija fil-kawza. Il-kawza infethet kontra Falcotrans bhala agenti tas-socjeta` estera, peress li kienet din is-socjeta` li hadet hsieb it-twettiq tal-inkariku li nghata lis-socjeta` estera, u meta s-socjeta` attrici baghtetilha ittra ufficjali sabiex, bhala agenti tas-socjeta` estera, izzommha responsabbli ghad-danni, is-socjeta` Falcotrans ma cahditx li kienet qed tirrapprezenta lis-socjeta` estera hawn Malta. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Muscat v. Muscat Scerri**, deciza fis-26 ta' Gunju, 2009:
"*Hu accettat li attur irid jaghmel l-indagni tieghu qabel ma jipprocedi kontra terz f'kawza, biex jassigura li l-konvenut imharrek huwa verament il-legittimu kontradittur tieghu; pero`, meta it-terz interpellat ma jichadx l-involviment tieghu, ma hux mistenni li l-attur ikompli jindaga dwar jekk dak it-terz huwiex jew le l-legittimu kontradittur*."

Is-socjeta` attrici, ghalhekk, kienet gustifikata li tharrek lis-socjeta` Falcotrans fil-vesti taghha ta' agenti tas-socjeta` estera. Meta gie deciz li, wara kollox, is-socjeta` Falcotrans ma kellhiex ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` estera, talbet il-hrug ta' kuraturi biex jirrapprezentaw lill-istess socjeta` estera f'dawn il-proceduri. Il-konvenuta fil-kawza, pero`, kienet u baqghet is-socjeta` estera, tant li meta l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, bis-sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2002, harget lis-socjeta` Falcotrans Ltd mill-kawza "billi din ma tirraprezentax lis-socjeta` Parteno Group S.r.l.", iddiferiet il-kawza ghal-legittimazzjoni tal-atti, u cioe`, biex jitharrek xi hadd iehor in rapprezentanza ta' Parteno Group S.r.l., li baqghet izzomm il-vesti taghha ta' konvenuta fil-kawza.

Kwindi, darba l-kawza infethet kontra s-socjeta` Parteno Group S.r.l. entro t-termini ta' sentejn u hames snin, termini ta' preskrizzjoni minnha invokati, u darba s-

socjeta` attrici pprosegwiet bil-kawza kif trid il-ligi, l-azzjoni ma tistax titqies preskritta.

L-aggravji relattivi marbuta mal-preskrizzjoni tal-azzjoni qed jigu, ghalhekk, respinti.

Fil-kuntest tal-meritu, taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li sabet lis-socjeta` estera responsabbli, ghalkemm, ma tikkondividix l-argument taghha li hawn si tratta minn azzjoni ex delicto vel quasi delicto. Is-socjeta` estera dahlet f'kuntratt li twassal il-merkanzija sa go l-imhazen tas-socjeta` CPS Co. Ltd. u meta dan ma ghamlitux, hi kisret l-obbligi kuntrattwali li assumiet.

Min jassumi obbligazzjoni li jrid iwettaq, ikun responsabbli ghad-danni jekk ma jwettaqx dik l-obbligazzjoni, u jista' jezimi ruhu biss jekk jipprova l-forza magguri.

Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **GasanMamo Insurance Ltd. noe et v. Bargain Holidays Ltd. pro et noe**, deciza fit-13 ta' Novembru, 2009 qalet b'mod car illi:
"*F'tema legali, l-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili jistabbilixxi l-kriterji necessarji biex wiehed jaffronta l-gudizzju tar-responsabbilita` fid-debitur tal-obbligazzjoni. Il-kliem ta' dan l-istess artikolu jidentifika sew il-fatt produttiv tar-responsabbilita` dovuta ghall-ezekuzzjoni hazina jew inezatta tal-prestazzjoni. Meta jsehh dan l-inadempiment jobbliga lid-debitur ghar-rizarciment tad-danni. Biex jezonera ruhu minn tali responsabbilita` u rizarciment id-debitur jehtieglu jipprova li l-inadempiment (jew id-dewmien) gie determinat minn impossibbilita` derivanti minn kawza mhux imputabbli lilu. Ara f'dan is-sens id-decizjoni tal-Prim' Awla, Qorti Civili fl-ismijiet "Joseph Albanese et v. Mechelina Sare et", 4 ta' Marzu, 1955.*"

Il-gurista <u>Gian Pietro Chironi</u> ("La Colpa nel Diritto Civile Odierno", Vol.I pagna 11) jghid illi jkun hemm responsabbilita` kuntrattwali meta jkun hemm agir jew ommissjoni fil-kors ta' esekuzzjoni ta' kuntratt preezistenti; il-fatt ingust jaghti lok ghall-azzjoni delitwali "*perche` nell'ultima, l'offesa non consiste nell'inesecuzione d'obbligo anteriormente costituito*".

F’dan il-kaz, is-socjeta` estera obbligat ruhha li twassal il-merkanzija sa gol-imhazen tas-socjeta` CPS Co. Ltd.; wasslithom sa barra l-bibien tal-imhazen, izda accettat li zzomm il-pussess tal-merkanzija sakemm l-imhazen jinghataw kurrent elettriku. L-accettazzjoni ghamlitu tramite ir-rapprezentant taghha ghal dan il-kaz hawn Malta. Is-socjeta` estera tghid li hi mhux responsabbli ghal dak li jsehh meta l-mandatarju johrog mil-limiti tal-mandat. F’dan il-kaz, pero`, il-mandat kien minghajr limiti, fis-sens li l-mandatarju kellu jaghmel dak kollu mehtieg biex iwassal il-merkanzija sad-destinazzjoni. Meta din waslet sa hdejn l-imhazen, seta’ forsi l-mandatarju jaghzel biex inizzel il-merkanzija u jitlaq, izda ghazel li jkun prattiku minhabba qtugh fis-sistema tal-elettriku gol-imhazen tas-socjeta` CPS Co. Ltd. u ma jaghmilx konsenja tal-merkanzija dakinhar, u accetta li jibqa’ jzommha fit-trailer. Il-mandatarju hu awtorizzat, bis-sahha tal-Artikolu 1868 tal-Kodici Civili li jaghmel “*dak kollu li jidhrilha mehtieg ghall-esekuzzjoni tal-mandat*”, u dak li ghamel il-mandatarju f’dan il-kaz jorbot lill-principal tieghu peress li jidhol fil-mansjonijiet tieghu.

Dan mhux kaz fejn il-mandatarju silef it-trailer ghal skop iehor mhux marbut mal-inkariku lilu moghti. Hu kellu jaghmel konsenja tal-merkanzija u jekk hass li, minhabba cirkostanzi partikolari, kellu jittardja l-konsenja b’xi sieghat, ma kienx, b’daqshekk, qed jagixxi barra l-konfini tal-mandat tieghu. Il-fatt li ufficjali ta’ Falcotrans telqu minn fuq il-post u hallew it-trailer mixghul u mhux kustodit, jista’ jaghti lok ghal proceduri fir-relazzjoni ta’ bejn il-mandant u l-mandatarju, pero`, vis-a vis il-kreditur tal-obbligazzjoni, id-debitur ma jistax jinvoka nuqqas ta’ nies imqabbda minnu biex jghinuh fit-twettiq ta’ dik l-obbligazzjoni, u dan biex jehles mir-responsabbilita` tieghu (ara bhala ezempju ta’ dan il-kaz **Sapiano v. Fenech**, deciz minn din il-Qorti fil-15 ta’ Jannar, 1997).

Darba jirrizulta li s-socjeta` Parteno Group S.r.l. ma wettqitx l-obbligazzjoni li assumiet, il-Qorti trid issa tara jekk il-hsara kienetx konsegwenza ta’ xi haga imprevedibbli u accidentali. Kif pero`, qalet din il-Qorti,

Sede Inferjuri, fil-kawza **Vella v. Cilia**, deciza fit-23 ta' Gunju, 2004,
"*il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza (Kollez. Vol. XXX pI p. 869). Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja (Kollez. Vol. XXXV p II p. 637).*"

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Causon noe v. Sant**, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, asseriet il-principju kardinali li m'hemmx kaz ta' kaz fortuwitu meta "*concorre il-fatto posittivo o negattivo dell'uomo*". Kompliet tghid li:
"*Il-forza maggura u l-istat ta' necessita`, 'quali mezzi liberatori della responsabbilita`, cessa quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo e colpa dell'agente'* (**Ciantar v. Gatt** App. Inf. 15.5.1926)"

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta mill-provi li r-raguni ghala t-trailer ha n-nar kienet in-nuqqas ta' manutenzjoni xierqa tal-batterija tieghu. Dak li gara ma kienx rizultat ta' accident, imma konsegwenza ta' nuqqasijiet tas-socjeta` estera li tiehu hsieb il-manutenzjoni tal-veikoli taghha. It-terminali tal-batterija kienu f'kundizzjoni hazina u l-istat taghhom kien tali li holqu "an accident waiting to happen". Ghal dak li gara, isegwi, ma jahti hadd hlief is-socjeta` estera kif irrapprezentata ghall-fini ta' din il-kawza.

Dwar minn meta ghandhom jiddekorru l-imghaxijiet, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li dawn ghandhom jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali interpellatorja. Mehud in konsiderazzjoni li l-materja hija wahda kummercjali (nuqqas ta' ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni kummercjali), din il-Qorti tara li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti timmerita konferma wkoll minhabba dan l-aspett.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, li mhux necessarjament jaqblu ma' dawk tal-ewwel Qorti, din il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' Eurocargo Freight Services Ltd. bhala kuratrici ghas-socjeta` estero Parteno Groups

S.r.l. billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza marbuta mad-decizjonijiet li nghataw in prim istanza jithallsu kif iddecidiet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Gunju, 2009, filwaqt li l-ispejjez kollha marbuta mal-proceduri u mas-sentenzi li tat din il-Qorti, ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------